# GĦELUQ IL-MITT SENA MINN TWELIDU



## 1 TA' APRIL 1900 – 2000

MINN

PAWLU AQUILINA

*Huwa d-dmir tagħna li nfakkru u nagħtu ġieħ lil dawk li ħadmu, stinkaw u taw ġieħ lil Art twelidna u daqshekk ieħor lil Raħal twelidna. Bil-ħidma tagħhom stagħna pajjiżna u stagħnejna aħna, għax ħallewlna wirt nobbli li jiswa wisq aktar mill-flus u minn kull ġid materjali ieħor: il-wirt kulturali ta' ruħ il-poplu.*

*Għalhekk niftaħru u nitkabbru bin-nies kbar tagħna, għax żejnulna ruħna, isimna, beltna, Artna, għal dejjem. Għalhekk niftaħru u nitkabbru bit-tifkira tal-Professur Nikola Zammit, ta' Patri Ġużé Delia, ta' Karmenu Vassallo u ta' oħrajn, ulied bħalna ta' dan ir-Raħal tagħna.*

*Illum qegħdin infakkru l-memorja ħelwa u daqshekk ieħor sabiħa tal-kompatrijott tagħna, Patri Ġużeppi Delia, Ġiżwita, li twieled mitt sena ilu fl-1 ta' April 1900 u miet 80 sena wara fid-29 Settembru 1980.*

*Il-ħidma kbira tiegħu bħala Ġiżwita, minn meta daħal novizz fil-Kumpanija ta' Ġesù sa ma laħaq il-quċċata tagħha f'Malta, meta laħaq l-ewwel Provinċjal tal-Provinċja Maltija (wara l-gwerra), kif ukoll bħala oratur ta' ħila kbira u kittieb magħruf (poeta u prożatur) fil-qasam letterarju Malti, jagħtu lil Delia statura kbira u nobbli li ma tintesa qatt. Imiss lilna qabel kulħadd, bħala Siġġiewi bħalna, li nagħtuh ġieħ tat-tifkira li jistħoqqlu u li rridu naraw imwettqa wkoll f'monument fil-qalba tar-Raħal tagħna, biex ikun għalina u jibqa' għal dawk ta' warajna "ħaj" f'moħħna u f'qalbna, fir-ruħ tal-poplu Siġġiewi kollu, ta' llum u ta' għada.*

*Irridu għalhekk illum ningħaqdu mal-Poeta tagħna, Karmenu Vassallo, fit-tislima li kien ta lill-Patri Delia kważi sittin sena ilu, biex, b'qalb waħda, nuruh u nfissrulu l-ġieħ kbir li rridu nagħtuh.*

*P.A.*

### LIL ĦABIBI P. Ġ. DELIA, S.J.

Fewħet bħal ġnien bil-ward ġewwa dar ommok
in-nieqa ċkejkna li bennitek fiha;
iddew bħal kwiekeb ħbub għajnejk, u fommok
tbissem ħelu t-tbissima tar-rebbiegħa.

Ċħadt f'żgħużitek kull ġid, kull għors, kull frugħa,
u ġbidt għal għonq it-triq li għażel Kristu:
tħażżimt bix-xewk, w għajnejk 'il fuq merfugħa,
tgħarrast mal-bjuda ta' l-artal u bistu.

Imbagħad minn qalbek ħallejt tfur u togħla
'il fuq il-għanja li dammejt b'ilsienek,
safja daqs qatra nida, oħla mill-vjola,
imħawra bi-għerf u d-deh'n li rdajt fi żmienek.

Poeta kbir u Kristu ieħor, ismek
fil-qabar ma jintemmx mal-fdal ta' ġismek!

K. VASSALLO 25.01.43